f'kemm tgħid. Ma jinqala' xejn, hekk nittama; iżda, b'dan kollu, dawn it-tfittxijiet aħna fid-dmir li nagħmluhom. Il-kliem tal-liġi hu ċar bħad-dawl: *antequam matrimonium denunciet...*"

"Għidtlek li ma rridx latin."

"Imma jeħtieġ hekk jew hekk li nfissirlek."

"Imma mhux ġà għamilthom dawn it-tfittxijiet?"

"Ma għamilthomx kollha, kif kien imissni, biex ingħidlek."

"Għax ma għamilthomx, meta kien il-waqt? għax tgħidli li kien sar kollox? għax tistenna..."

"Hawn int! tlumni għat-tieba żejda tiegħi. Ħaffift kollox biex naqdik aktar fis; imma... imma issa nqalgħu... biżżejjed, jien naf."

"U xi trid li jien nagħmel?"

"Li tissabbar għal xi jum ieħor. Ibni l-għażiż, xi jum mhux imbagħad l-eternità; ħu sabar."

"Għal kemm?"

"Ġewwa rasna—ħaseb bejnu u bejn ruħu Dun Abbondju; u b'imġiba ta' ħlewwa li qatt akbar, "barra," qal, "ġo ħmistax infittex... nagħmel ħilti..."

"Ħmistax! oh, din tassew li ġdida! Sar dak kollu li ridt int; qtajna għal meta, dan jasal; u int issa ġej tgħidli biex nistenna ħmistax oħra! Ħmistax..." tenna wara b'leħen ogħla u mbergħen, itawwal driegħu u jħabbat bil-ponn fil-beraħ; u min jaf xix-xjafek kien iżid igħaqqad ma' dak il-għadd, li kieku Dun Abbondju ma bejnux, billi qabadlu l-oħra bi ħlewwa ma' biża' u ħrara; "Isa, isa, la titmasħanx f'ġieh is-sema. Nara, infittex, jekk f'ġimgħa..."

"U lil Luċija x'għandi ngħidilha?"

"Li kien żball tiegħi."

"U l-qlajja' tan-nies?"

"Għid ukoll lil kulħadd, li ħadt żball jien, imħabba fl-għaġġla żejda, mħabba fil-qalb twajba żżejjed: itfa' l-ħtija kollha fuqi. Nista' nitkellem aħjar? Isa, għal ġimgħa oħra."

"U mbagħad ma jkunx hemm impedimenti iżjed?"

"Meta ngħidlek..."

"Tajjeb: nissabbar għal ġimgħa oħra; imma żomm tajjeb f'rasek li, meta tgħaddi din, ma noqgħodx iżjed għaċ-ċaċċrar. Għalissa, insellimlek." U, kif qal hekk, telaq ibaxxi rasu lil Dun Abbondju, imma 'l isfel inqas minn dari, u jagħtih daqqa ta' għajn, li kienet ta' tifsir aktar milli ta' qima.



# XEJN!....

Ta' Erin Serracino-Inglott

Meta dikment xi darba
bħalkieku dlonk sabiex,
biswit, għenelli, f'daqqa,
jew jekk aħjar, għaliex?

Aktarx minn fuq b'dan kollu,
biss biss ukoll mingħajr,
jewwilla mhux fost kollox
bilkemm jalla malajr.

Imma b'daqshekk għalissa,
bil-bosta lanqas xejn...
Iżda kif qatt biż-żejjed,
dalwaqt, u mnejn sa fejn?

Xħin wara fis għad illi,
xi ftit il hinn u 'l hawn,
kulħadd għalxejn u l-għala,
bla bejn ilkoll bħal dawn!

Issa pitgħada bilġri
u traku bans moqbejl,
jew wara 'l fuq u 'l isfel,
il-lum flok ewl-il-lejl!

Bansejn fil-ġenb għamnewwel,
il-kotra nkella l-flien,
il-bieraħ ma' l-ewliemes.
fid-dieher kullimkien...

Immela ġaladarba
għalkemm mhux minnufih,
u saħansitra dejjem,
jaħasra... Merħba bih!